KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 53/7/194/18

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 53

*It-Tlieta 18 ta' Diċembru 2018*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 18 ta' Diċembru 2018. Il-laqgħa kienet skedata għall-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | Tyrone Muscat-Kunsillier |
| **Assenti b'apoloġija** | Nicholas Seychell-Kunsillier |
| (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsilliera Seychell u Bartolo talbu biex ikunu skużati minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw dawn l-apoloġiji u qablu li l-membri ikunu skużati.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr.52 ġew approvati *nem com.*

2.2. Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar punt nr. 7.2 dwar it-tabelli tal-limitu tal-veloċità tal-pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li kien tkellem ma' Transport Malta dwar dan il-każ fejn informawh li biex isir dan trid issir talba uffiċjali lil Awtorità.

*Il-Kunsillier Muscat daħal issa.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li ma kienx hemm korrispondenza biex tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 4. *Performance bonus*

4.1. Is-Sindku informa lil membri li qabel jiġi diskuss dan is-suġġett huwa xtaq li jfakkar biss li tul is-sena kien ingħata *warning* lil l-impjegat fi skala 13 fid-dawl tal-attitudni tiegħu u ma jkunx xieraq li dan l-aġir iservi ta' nuqqas ta' motivazzjoni għall-ħaddiema l-oħra. Il-membri iddiskutew dan f'aktar dettall u l-membri qablu li l-ħaddiema kollha tal-Kunsill inkluż is-Segretarju Eżekuttiv jingħataw il-massimu tal-performance bonus bħala apprezzament tal-ħidma tagħhom tul is-sena.

4.2. Il-Viċi Sindku Steven Axisa fakkar li l-Kunsill irid jiddiskuti wkoll sabiex jingħata bonus lill-impjegat taħt l-iskema tal-RSS Ivan Ciangura fid-dawl tar-responsabiltà illi huwa jassumi fix-xogħol tiegħu. Huwa kompla li għalih għandu jingħata bonus ta' €2,000. Is-Sindku qal illi ma jistax wieħed ifajjar numri bl-addoċċ imma jiddiskuti żieda perċentwali fuq l-ammont li ingħata is-sena l-oħra. Wara diskussjoni il-membri

qablu li jingħata żieda ta’ 10% fuq l-ammont li ingħata is-sena l-oħra u għaldaqstant l-ammont tal-bonus addizzjonali ikun ta’ €1,320.

5. **Immaniġġjar tat-Traffiku**

5.1. Is-Sindku informa lil membri illi b’referenza mal-każ ta’ Triq San Ġużepp tkomplew id-diskussjonijiet fejn jidher li hemm possibbiltà li Transport Malta tapprova dan it-tibdil però irid jitressaq lill-Awtorità wara li jkun approvat minn dan il-Kunsill. Għaldaqstant is-Sindku ippropona illi Triq Mater Boni Consigli tinbidel għal one way b'mod oppost li tinsab bħalissa fejn għalhekk it-traffiku jibda jgħaddi direzzjoni lejn Triq Żabbar kif ukoll il-Parti ta' isfel ta' Triq San Guzepp sa triq San Gorg/Wied issir one way b'mod oppost fejn it-traffiku jitħalla jgħaddi biss l-isfel ie. lejn Ġnien Dom Mintoff. Il-membri qablu li din il-proposta titressaq lil Transport Malta.

5.2. B’referenza għat-triq San Ġorġ li tinsab ukoll fl-akwata tat-toroq imsemmija qabel il-membri qablu li għandom jitolbu parir lil Awtorità sabiex tara jekk il-parkeġġ li jinsab fuq iż-żewġ naħat f’din it-triq huwiex wieħed regolarizzat.

*Il-Viċi Sindku Steven Axisa telaq mil-laqgħa.*

5.3. Is-Sindku qal li huwa infurmat illi hemm akwata f’lokalitajiet oħra fejn l-aċċess għat-triq huwa għar-residenti biss. Għaldaqstant il-membri qablu li l-parti tal-appartamenti tal-Gvern ta’ Triq Ġużè D’Amato u Santa Monika kif ukoll Triq Kordin (l-aħħar parti) tkun magħluqa b’aċċess ristrett għar-residenti.

6. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

6.1. Is-Sindku informa lil membri illi x-xogħol infrastrutturali tal-appartamenti tal-Gvern ta’ Triq Ġużè D’Amato u Santa Monika waslu biex ikunu lesti fil-ġranet li ġejjin.

6.2. Is-Sindku kompla li ser isir party tal-Milied għall-anzjani taċ-ċentru fid-19 ta’ Diċembru kif ukoll fakkar fl-ikla tal-staff u l-Kunsilliera tas-27 ta’ Diċembru.

6.3. Is-Sindku informa lil membri li llum kien preżenti għal-laqgħa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ma Transport Malta fejn rappreżentanti tal-Awtorità ppreżentaw studju bil-possibilitajiet kollha għall-immaniġġjar tat-traffiku f’salib it-toroq ta’ Triq

Hal Luqa fejn jidher li l-aħjar proposta tkun li isiru żebra crossings irtirati f'kull naħa flimkien ma' miżuri oħra li jnaqqsu il-veloċità tat-traffiku. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-istudju juri ċar li *traffic lights* huma diffiċli ħafna sabiex isiru diment ma isirux xi toroq li jagħtu għal din il-parti one-way. Is-Sindku kompla li Transport Malta għanda tara sew dan l-istudju u toħroġ il-proposta finali tagħha.

## 7. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

7.1. Il-Kunsillier Spiteri xtaq jirrimarka li l-kompetizzjoni li għamel il-Kunsill b'rabta mal-armar tal-Milied qed tħalli l-frott mixtieq kif hemm livell tajjeb ħafna din is-sena. Il-membri qablu li f'Jannar issir attività li biha nippremjaw ir-rebbieħa.

7.2. Il-Kunsillier Lynch qal li fl-attività tal-Milied għandom dejjem jinkrew mobile toilets.

## 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

8.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 53 għas-somma ta' €63,823.56

## 9. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

9.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6.45pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 23 ta' Jannar 2019.

9.2. Konfermati, illum L-Erbgħa 13 ta' Frar 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |